**2? ta' Frar, 1959**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A. . Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Mc ıtanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.,**

**Onor. Dr. W. Har ing, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carme o Petroni pr. et ne.

*versus*

oseph Fenech

**Azzjoni Rivendikatorja — Serq — Telf — Frodi — Approprjazzjoni Indebita — Pussess — Titolu — Bwona Fede — Art. 595, 596, 5?9 u 359(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tiddisponi illi min ikun tilef ħaġa mobili minnha nnfisha jew titolu għall-por tatur, jew li jkun ġie misruq minnha, j'sta' jitlobha lura lil min ikun jippossjediha billi jindennizza lil dak il-possessur; u jista' wkoll jirrivendikaha mingħajr l-obligu li jindennizza lill-possessur meta dan ma jkunx irċeviha b'bona fidi b'titolu oneruż, u m'nn għand min, milli kien jidher, seta' kien sid dik il-ħaġa, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex t'ddisponi mill-ħaġa.*

*Din id-dispożizzjoni però tapplika biss għall-każi ta' serq veru u proprju; u għalhekk, fil-każ li l-possessur tal-ħaġa jkun akkwistaha minn għand persuna li tkun approprjat ruħha ndebitament minnha għad-dannu ta' s'dha, is-sid ma jistax jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja fuq dik il-ħaġa bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni.*

*B'daqstant, però, ma jistax jingħad li l-kw'stjoni hija riżoluta, għax jibqa' li wieħed jara jekk hix applikabbli d-dispożizzjoni l-oħra li tgħid illi, għal dak li huma ħwejjeġ mobili minnhom innfishom jew titoli għall-portatur, il-pussess għandu, favur it-terzi ta' bwona fede, l-effett stess tat-titolu; fejn allura tidħol il-kwistjoni tal-bwona fede; u jekk dan ir-rekwiżit ma jirrikorrix, tidħol fl-imperu tagħha d-dispożizzjoni li tgħid illi s-sid ta' ħaġa għandu l-jedd li jitlobha lura minn għand kull possessur. Imma l-bwona fede hija preżunta, u l-male fede trid tiġi pruvata minn min jallegaha; b'mod li jekk is-sid rivend'kant ma jirnex-*

*xix f'din il-prova, l-azzjoni rivendikatorja tiegħu ma tirnexxix.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur proprio et nomine quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha, wara li ppremetta illi hu, per mezz tal-institur tiegħu Joseph Petroni, biegħ lil ċertu Guido Fenech, bis-sistema tal-"hire purchase", refrigerator "Basile" ta' ħames "cubic feet", skond skrittura li ġġib id-data tal-1 ta' Awissu 1956, depożitata fl-oriġinal tagħha fl-inkartament tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Guido Fenech", u ta' liema skrittura kopja hi unita markata Dok. "A"; u illi fost il-pattijiet ta' dik l-iskrittura hemm anki dawk illi l-imsemmi refrigerator għandu jibqa' ta' proprjetà esklużiva tal-bejjiegħ sal-ħlas tal-prezz kollu, u illi kull bejgħ tiegħu qabel ma jitħallas il-prezz ikun illegali; illi l-imsemmi Guido Fenech, ftit ġranet wara li ħa l-konsenja tar-refrigerator, abużivament biegħu lill-konvenut Joseph Fenech, b'mod li ġie frodat l-attur; illi l-konvenut akkwista dan ir-refrigerator in mala fede, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; illi għalhekk l-attur hu bil-liġi ntitolat li jirrivendika mingħajr indennizz dan ir-refrigerator hekk lilu frodat minn għand il-konvenut, akkwirent u possessur in mala fede; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwixxi u jikkonsenja lill-attur proprio et nomine, fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi prefiss mill-Qorti, l-imsemmi refrigerator "Basile" ta' proprjetà tal-attur proprio et nomine, u dan stante li l-konvenut akkwista l-istess refrigerator in mala fede; salvi drittijiet oħra u salvi d-danni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-14 ta' Novembru 1956;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fl-ewwel lok oppona li l-ġudizzju mhux integru, għaliex qegħedha tiġi nvokata l-iskrittura tal-"hire purchase" li fiha kien parti Guido Fenech, ix-xerrej, u għalhekk l-attur qiegħed jirrivendika l-oġġett akkwistat mill-konvenut in vista' ta' dik l-iskrittura; għalhekk il-konvenut talab li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur; fil-

meritu l-konvenut oppona illi t-talba tal-attur mhix sostenibbli, billi hu xtara r-refrigerator in bwona fede;

Rat id-deċiżjoni preliminari tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Jannar 1957, li biha ġiet riġettata l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat is-sentenza l-oħra tal-istess Qorti tat-28 ta' Ġunju 1958, li biha laqgħet it-talba tal-attur, u għall-finijiet tal-konsenja tar-refrigerator in kwistjoni pprefiġġiet lill-konvenut ħmistax il-ġurnata żmien, riżervata lill-attur nomine kwalunkwe azzjoni ta' danni, u lill-konvenut Joseph Fenech kwalunkwe azzjoni, "si et quatenus", kontra Guido Fenech; bl-ispejjeż, mhux ġa deċiżi, kollha għall-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut, fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu (fol. 77 u ta' wara), issolleva l-kwistjoni dwar jekk ir-refrigerator li kien xtara l-konvenut minn għand ċertu Guido Fenech kienx jew le misruq, jew jekk, meta biegħu, l-istess Fenech ikkommettiex jew le frode;

Illi għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni huwa tajjeb li jingħad li mill-proċess jirriżulta li għall-ħabta tal-ewwel ta' Awissu 1956 ċertu Guido Fenech xtara minn għand id-ditta attriċi refrigerator, li mponiet il-patt tar-riżervat dominju fuqu, b'dan li l-istess akkwirent kellu jħallas, kif fil-fatt ħallas, £15 fuq il-kuntratt, u l-kumplament kellu jiġi mħallas bir-rati mensili ta' £4 l-waħda, u l-ewwel pagament kellu jiġi soddisfatt fl-ewwel ta' Settembru 1956. Peress li l-imsemmi Guido Fenech qal li ma kienx jaf jiffirma, għamel biss salib fuq l-iskrittura oriġinali, li tinsab eżibita mal-attjiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Spettur Francesco Tonna vs. Guido Fenech", deċiża mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarju fil-5 ta' Novembru 1956. L-għada tal-ewwel ta' Awissu 1956, l-istess Guido Fenech, li kien mal-iskrittura rrilaxxja lill-attur kambjalijiet għal kull skadenza, qabad u biegħha lill-konvenut, non ostante li kien miftiehem mal-attur li dan kien qiegħed jirriżerva l-patt tar-"riservato dominio", kif jidher mid-depożizzjoni tal-Ispettur Tonna mogħtija fil-kumpilazzjoni msemmija, li għaliha saret riferenza, u d-depożizzjoni ta'

Anthony Petroni f'dan il-proċess, li qal li qabel il-ftehim huwa kien spjegalu l-iskrittura bil-malti;

Illi huwa minnu li l-iskrittura oriġinali hija nulla, għax is-salib appost minn Guido Fenech ma ġiex, kif trid il-liġi, debitament awtentikat. Jibqa' minnu, però, li l-obligazzjoni, jew aħjar kuntratt, iseħħ l-istess anki bil-fomm, u l-istess huwa ndubbjament validu; għaliex għall-vendita ta' oġġett mobili, bħal ma huwa l-oġġett in kwistjoni, ma hemmx bżonn ta' ebda kitba;

Illi l-kwistjoni, kwindi, tibqa' ċirkoskritta għall-punt jekk bl-aġir tiegħu Guido Fenech ikkommettiex frode; l-għaliex is-serq huwa ndubbjament eskluż mill-provi;

Illi ntqal li, peress li l-venditur aċċetta kambjalijiet għar-rati li kellhom jiskadu ma jistax jiġi ravviżat aktar ir-reat ta' approprjazzjoni ndebita; fi kliem ieħor, dawk l-istess kambjalijiet ġew ritenuti rilaxxjati "pro soluto", u mhux sempliċement "pro solvendo". Jekk kambjali rilaxxjata hijiex jew le "pro soluto" jew "pro solvendo", hija kwistjoni ta' fatt, u trid tiġi riżoluta f'kull każ skond iċ-ċirkustanzi partikulari, li jistgħu jirrivelaw il-vera ntenzjoni tal-partijiet; u fil-każ ta' dubju d-dottrina komunement tippropendi sabiex tiddikpara li l-kumbjalijiet ikunu ġew elevati "pro solvendo", l-għaliex in-novazzjoni ma tippreżumix ruħha, imma huwa meħtieġ li l-volontà tal-partijiet li jeffettwaha tirriżulta kjarament;

Illi din il-Qorti, eżaminati ċ-ċirkustanzi tal-każ, u penetrata l-intenzjoni tal-partijiet mill-istess fatti riżultati, tippropendi biex tgħid li dawk il-kambjalijiet li saru malkonvenzjoni ma ġewx elevati "pro soluto", imma "pro solvendo". Infatti, kien ikun, biex jingħad b'termini miti, inspjegabbli li d-ditta attriċi u Guido Fenech ftehmu li l-istess ditta kellha tirriżerva sal-aħħar rata d-dominju tar-refrigator, u fl-istess ħin tissupponi li huma riedu ċomb jagħmlu novazzjoni bla ma jesprimu din l-istess intenzjoni. Huwa ċar li l-attur ried per mezz tal-kambjalijiet jiggarantixxi ruħu dwar il-pagament tal-prezz, u mhux ġa jestingwi l-obligazzjoni fejn ippattwixxa r-riżervat dominju; b'mod li, kif jgħid Lanciotto Rossi fil-monografija tiegħu "Ven

dita Civile" (para 522):— "In questo caso quest'ultima obbligazione non rimane estinta, ma rafforzata, come non rimane estinto il corrispondente diritto del venditore di esigere il prezzo, ma rafforzato per la possibilità che è data al venditore stesso di fare uso della azione cambiaria per conseguire la somma dovutagli come prezzo. Consegue che, qualora alla scadenza della cambiale non ne venga pagato l'importo, il venditore può fare uso di tutte le facoltà che gli competono nel caso di inadempimento dell'obbligazione di pagare il prezzo, oltre che può agire, come abbiamo detto, in base alla cambiale". Del resto, l-użu fil-pjazza huwa li jsir kif sar, biex il-partijiet jirregolaw biss il-mod tal-pagament, u mhux ġa biex jinnovaw l-obligazzjoni oriġinali;

Illi minn dan jitnissel li l-obligazzjoni jew konvenzjoni fejn kien ġie pattwit il-patt tar-riżervat dominju ma ġietx estinta billi fl-istess istanti saru l-kambjalijiet tal-pagamenti rateali pattwiti. Del resto, ġie deċiż illi "è valido il patto col quale il venditore si riserva la proprietà della merce fino al pagamento dell'intero prezzo, quand'anche il compratore avesse rilasciato i titoli cambiari a corrispettivo del prezzo stesso (Tribunal Ċivili ta' Bari, 11 ta' Settembru 1906, Savoia vs. Maestrelli Nalbone, Rassegna Giuridica, Pugliese, 284 riportata fir-Repertorju ta' Ġurisprudenza, anno VIII, voce Vendita, no. 72);

Illi, stabbilit dan, u ċjoè li dawk il-kambjalijiet kienu elevati "pro solvendo", meta Guido Fenech biegħ ir-refrigerator qabel ma ħallas l-aħħar rata bla kunsens tal-attur venditur, ikkommetta approprjazzjoni ndebita. Infatti, il-Manzini (Diritto Penale, Volume IX, paġ. 810, Ediz. Utet 1952) jgħid:— "Il patto di riservato dominio è lecito e valido, e pertanto, quando una cosa sia venduta sotto la condizione che la proprietà ne passi al compratore sol quando costui avrà terminato di pagarne il prezzo, il compratore che aliena quella cosa, o parte di essa, prima che si verifichi la detta condizione, commette il delitto di appropriazione indebita, anche se, come si usa, abbia rilasciato cambiali 'pro solvendo' ";

Illi, kwindi, il-fatt li Guido Fenech biegħ ir-refrigerator

in kwistjoni bla kunsens tal-attur, non ostanti l-"pactum reservati dominii", qabel il-pagament tal-aħħar rata, ik-kommetta approprjazzjoni ndebita; għal liema delitt huwa wkoll applikabbli l-art. 596; l-għaliex fil-kelma "serq", jew aħjar "misruq", hija nkluża wkoll il-frodi, skond in-noti tal-Imħallef Debono, li dikontro għal dan l-artikolu jiċċita l-Giurisprudenza Italiana (Bettini) 1897, Vol. I, paġ. 1108, u Rivista tal-Filangeri (1907) paġ. 203;

Illi minn dan jitnissel li l-eċċezzjoni tal-konvenut fis-sens premess ma tistax tiġi milqugħa bil-favur, u l-istess, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilita u determinata din l-ewwel kwistjoni, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina u taqta' l-meritu;

Illi huwa stabbilit, skond il-liġi (art. 595 u 596 tal-Kodiċi Ċivili), li r-regola u massima li l-pussess tal-beni mobili għan-natura tagħhom u tat-titoli għall-portatur jip-produċi a favur tat-terzi in bwona fede l-istess effett tat-titolu, ċjoè l-massima li "mobilia non habent sequela", hija kontemperata bl-eċċezzjonijiet tal-estensjoni tagħha fil-każ ta' min ikun tilef il-ħaġa, jew ikun ġie derubat minnha; l-għaliex f'dan il-każ l-aħħar imsemmi dik l-istess persuna tkun tista' teħodha lura, purkè tindennizza lill-possessur tal-ħaġa mobili; u jekk l-istess possessur ma jkunx irċeviha "in buona fede", b'titolu oneruż, u minn għand persuna li verosimilment setgħet kienet il-proprjetarju tagħha, jew persuna nkarigata mill-istess proprjetarju tal-ħaġa mobili biex jiddisponi minnha, il-persuna li tkun qegħdha titlob ir-rivendika tkun tista' tirripeti l-oġġett mobili in kwistjoni mingħajr obligu tal-indennizz;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in diżamina, kif jidher mill-attijiet tal-kawża, l-attur qiegħed jippretendi li għandu d-dritt jirrivendika l-oġġett "de quo agitur" bla indennizz;

Illi mhux kontestat li l-attur, qabel ma biegħ bil-"hire purchase system" il-frigoriferu in kwistjoni lil Guido Fenech bil-patt tar-"riservato dominio", kien proprjetarju ta' dik il-ħaġa mibjugħa, u baqa', in forza ta' dak l-istess patt, proprjetarju tagħha wara l-vendita speċifika msemmija, l-għaliex ix-xerrej ma ħallasx l-aħħar rata ta' pagament tagħha. Huwa minnu li l-attur semma fl-att promotorju tal-ġudizzju li dak il-bejgħ sar per mezz ta' skrittura, li l-oriġinal tagħha jinsab fl-attijiet tal-kumpilazzjoni "Il-Pulizija vs. Guido Fenech", deċiża mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-5 ta' Novembru 1956, liema skrittura, *kif jirriżulta f'din il-kawża u jidher mill-proċediment kriminali fuq imsemmi,* li għalieh saret riferenza, kienet ġiet sempliċement kroċessenjata minn Guido Fenech, kif huwa apertament ikkonfessa, bla ma ġiet awtentikata; imma huwa wkoll aċċertat mill-provi taż-żewġ proċedimenti, sew ċivili sew kriminali, li dawk l-istess pattijiet kontenuti f'dik l-istess skrittura kienu *jiffurmaw il-kontenut tal-ftehim obligatorju li sar* bil-fomm bejn l-attur nomine u l-imsemmi Guido Fenech; għal liema effikaċja obligatorja, kif huwa risaput, mhix skond il-liġi meħtieġa ebda forma ta' kitba "ad validitatem sew substantiam";

Illi, *in konsegwenza, mill-provi* testimonjali jirriżulta li Guido Fenech xtara l-frigoriferu in kwistjoni taħt il-patt espress tar-"riservato dominio" fl-attur nomine, u dak l-oġġett qatt ma seta' jsir ta' proprjetà tiegħu qabel ma jħallas l-aħħar rata fissata;

Illi, kif fuq ampjament ġie dikjarat u determinat, il-fatt li Guido Fenech biegħ il-frigoriferu in kwistjoni *qabel* ma sar tiegħu jikkostitwixxih passibbli ta' frodi versu l-attur nomine, li bl-aġir inkwalifikat tal-istess Fenech ġie derubat mil-ħaġa li kienet tiegħu; l-għaliex, kif fuq intqal, u għar-raġunijiet ampjament fuq sottomessi, il-kelma tal-liġi "misruq" tikkomprendi mhux biss il-figura tas-serq veru u proprju, imma anki l-frodi jew l-approprjazzjoni ndebita; b'mod li anki dan l-element ġie pruvat *mill-instanti* nomine;

Illi li l-konvenut kien il-possessur materjali tal-frigo-

riferu meta saret il-proċedura kriminali kontra Guido Fenech mill-parti tal-attur nomine ma huwiex in kontestazzjoni, kif lanqas ma jista' jkun in kontestazzjoni li, wara li nqatgħet il-kawża kriminali kontra Guido Fenech, il-konvenut talab li jirtira l-frigoriferu in kwistjoni, li materja'ment jinsab fil-pussess tar-Reġistratur, bħala li huwa jagħmel mill-Qorti t'Isfel; minn fejn jidher li Joseph Fenech, il-konvenut, jirritjeni li għandu l-jedd fuqu, l-għaliex ċertament il-pussess tiegħu ċivili, sakemm ma tiġix determinata din il-kawża, huwa f'idejh, u materjalment l-istess konvenut qiegħed "rebus sic stantibus" jippossjedih per mezz tal-istess Reġistratur;

Ikkunsidrat;

Illi, mentri min għal motivi verosimili jaħseb li l-ħaġa li jippossjedi hija tiegħu huwa possessur ta' bwona fede, mill-banda l-oħra, min ikun jaf, jew minħabba fiċ-ċirkustanzi għandu jippreżumi, li l-ħaġa minnu posseduta tappartjeni lil ħadd ieħor huwa possessur ta' mala fede. Il-mala fede hija kuntrarja għall-bwona fede, u din hija normalment rigwardata taħt żewġ aspetti, l-għaliex ċerti drabi tissinifika x-xjenza ċerta li l-ħaġa tkun tappartjeni lil terza persuna, u mhux lil min ikun jiddisponi minnha, u xi drabi oħra tissinifika u timporta "dolus", "fraus", "deceptio";

Illi fil-każ in diżamina, meta l-attur ippropona li juri b'ċirkustanzi probatorji li l-konvenut kien in mala fede, evidentement kien qiegħed jippretendi l-mala fede fil-konvenut mhux fis-sens tad-dolo, ingann jew frodi, l-għaliex huwa ma jippretendix li l-konvenut ħa parti attiva fl-approprjazzjoni ndebita ta' Guido Fenech, imma fis-sens li l-konvenut kien jaf bil-vizzju tal-pussess tal-awtur tiegħu fil-waqt tal-akkwist in kwistjoni; fi kliem ieħor, kien qiegħed jippretendi l-assenza ta' bwona fede fil-konvenut, li huwa biżżejjed li tiġi pruvata sabiex l-azzjoni rivendikatorja tirnexxi; salv lill-possessur li jipprova "alla sua volta", kumulattivament, li huwa rċieva l-ħaġa in bwona fede, b'titolu oneruż u minn għand min verosimilment seta' kien il-proprjetarju jew persuna mill-proprjetarju nkarigata sabiex tiddisponi mill-ħaġa. Hawn mhux ozjus li jingħad li l-possessur jista' jkun in bwona fede waqt l-akkwist,

imma "in culpa", l-għaliex ma jkunx jaf il-kondizzjoni tal-venditur, li raġjonevolment seta' kien jaf biha kieku ndaga, kif għandu jagħmel kwalunkwe bniedem ta' ordinarja diliġenza, meta ċ-ċirkustanzi ta' fatt ikunu hekk jissuġġerixxu, u meta huwa *ma jkunx jaf l-awtur tiegħu;*

Illi, premess dan li ntqal fuq, jingħad li l-attur, sabiex juri l-mala fede fis-sens li fuq intqal tal-konvenut, ġieb il-quddiem diversi argumenti. Infatti, huwa ssottometta:—

1. Li l-konvenut naqas milli jagħmel il-verifiki neċessarji, li raġel ta' responsabbiltà kien jagħmel, biex dak li fil-fatt jagħmel ikun sewwa; *imma din ir-raġuni ma timpurtax* nuqqas ta' bwona fede, jew, kif sejħilha l-attur nomine, mala fede, iżda, se maj, negliġenza jew kolpa, li ma teskludix ir-riċezzjoni in bwona fede;

2. Li l-konvenut, wara li Guido Fenech qallu li l-frigoriferu kien iqumlu £108, offrielu biss £55 għalieh, u ċjoè nofs il-prezz — dak li huwa indiċi, skond l-attur, ta' mala fede; imma fil-ħsieb ta' din il-Qorti, in bażi għall-koeffiċjenti tal-fattijiet pruvati fil-kawża odjerna, lanqas dan l-argument ma huwa "ut sic" validu; l-għaliex, sabiex l-argument ikollu saħħa, il-paragun ma jistax isir bejn l-inflazzjoni tal-prezz magħmula mill-frodatur biex jaqla' aktar (jirriżulta mill-provi li l-frigoriferu kien fil-fatt iqum £92, mentri Guido Fenech qal lill-konvenut li jqumlu £108) u l-offerta tal-kumpratur li ma seħħitx (Fenech ma aċċettax l-offerta ta' £55 magħmula mill-konvenut), iżda *r-relazzjoni trid tkun bejn il-prezz reali u l-prezz tal-ftehim,* salva l-kondizzjoni tal-oġġett tant oġġettivament kemm ukoll kif huwa kunsidrat fis-suq;

3. Li l-veru prezz li l-konvenut kien ħallas għall-oġġett "de quo" kien £55,u mhux kemm juri ċ-cheque (liema dokument juri s-somma ta' £75) rilaxxjat lil Fenech mill-konvenut u r-riċevuta msemmija; l-għaliex l-istess Fenech, wara l-vendita, qal li huwa ta lura lill-konvenut £20 mill-£75. U anki kieku ħallas verament £75, dan il-prezz, a paragun tal-valur li bih fil-fatt xtara l-oġġett Fenech, l-istess prezz kien baxx;

Dan l-argument irid jiġi eluċidat mill-fattijiet riżultati. Meta, jew kienet għadha ma nqatgħetx, jew kif inqatgħet il-kawża kriminali kontra Guido Fenech, l-attur ried isib mezz biex jiġi kopert, u kienet sejra ssir skrittura ta' transazzjoni bejnu u bejn Guido Fenech, u meta dawk il-partijiet kienu ntenti bl-avukati rispettivi tagħhom biex jiddeċiedu l-valur u l-modalità tal-pagament, Fenech qal li huwa kien irċieva minn għand il-konvenut £55 biss, u mhux £75 kif indikat fiċ-cheque u fir-riċevuta magħmula mis-sensal (li ma għandhiex, jingħad inċidentalment, ebda valur probatorju). Malli l-avukat tal-attur sema' lil Guido Fenech jgħid dak id-diskors fuq il-prezz, għal raġunijiet ovvji, ħassar l-approċċi ta' transazzjoni. F'din il-kawża, però, Guido Fenech bil-ġurament qal li fil-fatt huwa bħala prezz irċieva minn għand il-konvenut £75; u mistoqsi għaliex qabel kien qal diversament, ta ċerti spjegazzjonijiet li ma tantx huma ċari. B'dan kollu, il-konvenut, tant fis-subizzjoni kemm fix-xhieda tiegħu, afferma li huwa effettivament ta lil Fenech £75, u ma ħa xejn lura minn għandu minnhom; u f'dan l-assert tiegħu huwa korroborat mill-istess sensal, u ndirettament miċ-cheque, mill-matriċi tiegħu, u mix-xhud Stellini, b'mod li l-konvenut għandu jiġi kredut. Jekk mbgħad oġġett li jiswa £92, meta jinxtara £75, jurix fix-xerrej assenza ta' bwona fede, ċjoè jurix li x-xerrej sata' jinduna bil-vizzju tal-pussess fil-venditur, dik hija ħaġ'oħra. Infatti, ma huwa xejn anormali fil-ħajja ordinarja ta' kulljum li kummerċjanti japprofittaw ruħhom miċ-ċirkustanzi li jkun jinsab fihom bejjiegħ, bla ma dan il-fatt ikun indiċi ta' assenza ta' bwona fede dwar il-pussess tal-ħaġa f'idejn il-venditur, għalkemm jista' jkun indiċi ta' stonku xieref. Normalment, huma ndizji li għandhom jissuspettaw lill-kumpratur l-offerti ta' oġġett għall-bejgħ, li jqumu flus, bi prezz ridikolu; imma meta l-venditur jitlob, bħal ma talab Guido Fenech, £85 għar-raġunijiet tiegħu partikulari, għal oġġett li fil-fatt kien jiswa £92, u l-kumpratur jispiċċa biex jakkwistah b'£75, fil-menti ta' din il-Qorti dak il-prezz ma jistax juri ebda raġjonevoli suspett fuq il-leġittimità tal-pussess tiegħu li tnaqqas fih il-bwona fede fir-rispett tal-venditur;

Kwindi dan l-argument ma jinfiċjax il-bwona fede tal-konvenut;

4. Li l-konvenut ma kkuntentax biss li jirrilaxxja cheque lil Guido Fenech, imma wkoll eżiġa riċevuta għal £75, biex jekk Guido Fenech jitkellem li rċieva biss £55, ikun hemm prova kontra tiegħu, u biex jipprova li l-frigoriferu li xtara kien ta' sekonda man. Din il-Qorti tosserva fuq dan l-argument li, apparti l-valur ta' dik ir-riċevuta bħala mezz probatorju (kif fuq intqal), u apparti li l-attur qal li huwa biegħ l-oġġett in kwistjoni bil-ftila, mentri Guido Fenech , li qal li ma wżahx, ikkunsinnah lill-konvenut bla ftila, u apparti li l-oġġett li jinbiegħ, meta jgħaddi minn id l-aġent jew venditur, anki jekk ikun ġdid f'idejn il-kumpratur *għall-użu tiegħu, isir għall-finijiet* tas-suq ta' sekonda man, meta kumpratur juża xi kawteli jew okulatezza, anki jekk tkun żejda, dan il-fatt per sè ma jassurġix, u ma għandux jiġi nterpretat li normalment għandu jimporta xi nuqqas ta' bwona fede, u "multo magis" xi mala fede kif jallega l-attur; l-għaliex il-kumpratur għandu d-dritt jassigura l-validità tal-kuntratt u l-aċċertament tal-kondizzjoni tal-oġġett *in* vendita. In konsegwenza, il-fatt fuq allegat mill-attur ma jwassalx għall-konklużjoni li jrid iwassal l-attur;

5. Li l-konvenut kien imissu nduna li Guido Fenech ma kienx qiegħed jgħid il-verità li huwa kien xtara l-frigoriferu minn għand ditta quddiem it-Tjatru Rjal, l-għaliex urieh id-dokument *"R"*, li fuqu kien hemm stampat li l-aġent ta' dawk il-frigoriferi kien l-attur. Dwar dan l-argument jingħad li l-attur ma jaqbelx mal-provi, l-għaliex irriżulta li l-istess Guido Fenech, meta wera l-letteratura kummerċjali dwar l-oġġett li kien ried ibiegħ lill-konvenut (Dok. R), żammha f'idejh, u wera lill-konvenut biss dak ir-reklam mitni, u pprezentalu dik il-parti jew wiċċ fejn il-frigoriferu jidher miftuħ, u l-konvenut qatt, fl-ebda mument, ma ħa f'idejh dak ir-reklam jew letteratura kummerċjali; b'mod li l-argument dedott hu bażat fuq fatti li huma esklużi u ma jirriżultawx;

Illi minn dak li fuq intqal sabiex teżamina n-nota tal-attur, u sabiex turi li l-istess osservazzjonijiet huma klawdikanti, kif jista' jidher mill-istes konsiderandi, il-Qorti għamlet użu mid-difiża li, skond il-provi, għamel il-konvenut sabiex jiprova li huwa kien irċieva l-frigoriferu in kwis-

tjoni in kwona fede. Fi kliem ieħor, kien l-istess konvenut li ffornixxa lill-Qorti, kif trid il-liġi, il-mezzi biex tiġi kombattuta l-pretiża attriċi fuq dan il-punt;

Illi in konsegwenza, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-bwona fede tal-konvenut ma ġietx skossa; u dan l-element jikkonkorri favur il-konvenut;

Illi dwar it-tjeni element, tal-akkwist b'titolu oneruż, ma hemmx bżonn li din il-Qorti tintrattjeni ruħha fuqu; għaliex il-partijiet jaqblu li jikkonkorri;

Illi, dwar it-tieni element li jrid isaħħaħ il-konvenut, u li l-attur għamel aċċenn enfatiku għalieh fl-osservazzjonijiet tiegħu, u li fl-att promotorju tal-ġudizzju huwa loġikament kopert fl-akkuża aktar serja, jingħad li l-attur ġie l-quddiem biex jikkumbatti l-provi tal-konvenut dwar li huwa rċieva l-oġġett minn għand min verosimilment seta' kien il-proprjetarju ta' dak l-istess oġġett. Dana l-element huwa bażat mhux fuq in-nuqqas ta' bwona fede jew fuq il-mala fede, imma huwa poġġut gradatorjament fuq pjan inferjuri, ċjoè fuq il-ħtija;

Illi l-attur osserva li meta l-konvenut kien qiegħed jixhed, u wara li preċedentement kien qal li huwa qabel l-operazzjoni in kwistjoni qatt ma kellu konoxxenza ta' Guido Fenech ipprorompa fl-espressjoni "Jiena ngħid li nies minn dik il-kwalità ta' Guido Fenech mhux sejrin jagħtuk il-flus lura"; liema espressjoni, li tinsab fil-fol. 66 tal-proċess, meta l-konvenut mar biex jaqra traskritta d-depożizzjoni, ikkoreġiha fis-sens "Jiena ngħid li nies minn dik il-kwalità ta' Ġorġ Mercieca (is-sensal), li jgħixu bl-akkerija, mhux sejrin jagħtuk il-flus lura". Id-diskors antećedenti għal dawn l-espressjonijiet kien jikkonċerni li l-konvenut qatt ma ħa xejn lura mill-flus minn għand Guido Fenech, u li, jekk l-istess Fenech dak inhar li l-konvenut kien qiegħed jixhed kien sejjer jagħtieh iċ-cheque lura, il-konvenut kien pront jieħdu. L-attur minn din il-korrezzjoni l-ewwelnett mhux persważ, u t-tieninett, "gratia argumenti", nissel argument kontra, jew aħjar avvers, għall-konvenut, billi qal li, la l-konvenut kien jaf li

s-sensal ma kienx persuna ta' kondizzjoni li tista' tafdaha, l-istess konvenut ma kellux jafda lil Guido Fenech, li huwa ma kienx jikkonoxxi, l-għaliex rakkomandat minn sensal ta' dak il-karattru. Għandu jiġi solennement affermat, fuq dawn l-osservazzjonijiet tal-attur, minn din il-Qorti, li kellha okkażjoni li tisma "viva voce" ix-xhieda tal-konvenut, li jista' jingħad koxjenzjożament li l-konvenut, li fid-depożizzjoni tiegħu semma lil Guido Fenech, seduta stante kkoreġa ruħu, u qal li kien qiegħed jalludi għas-sensal Mercieca meta qal dak id-diskors riferit fuq, u l-korrezzjoni ma tniżżletx, nonostante li ġiet dettata milli jidher immedjatament mill-istenografu, li kien intent fuq ix-xogħol tiegħu, l-għaliex f'dak il-franġent qam battibekk movimentat bejn id-difensuri tal-kontendenti, li għar-regolament tiegħu kellha tintervjeni l-Qorti. Kwindi, dik li tidher li kienet korrezzjoni serotina, fil-fatt ma kienetx hekk. In kwantu għall-argument l-ieħor dwar ir-rifless fuq il-kondizzjoni ta' Guido Fenech, injot għall-konvenut, minħabba l-kondizzjoni tas-sensal Mercieca, konoxxut mill-konvenut, ma tistax tiġi ġeneralizzata u aċċettata fil-każijiet kollha bħala regola nflessibbli. Fiċ-ċirkustanzi, però, tal-każ in diżamina, fil-ħsieb tal-Qorti, għandha jkollha ċertu rifless dwar id-diliġenza adoperata mill-konvenut. Infatti, l-istess konvenut ma ħebiex li huwa kien jaf tajjeb lis-sensal Mercieca, li huwa ddeskriva bħala persuna li ma tħobbx taħdem, u tgħix bl-akkerija, u lesta biex taqla' jew tiddobba avventizjament xi senserija żgħira, bla bħal li kieku ma jimpurtaha xejn mis-sodisfazzjoni li tista' tagħti lil min ikollha relazzjonijiet magħha, kif normalment għandu jkun bniedem li jimxi tajjeb fl-affarijiet tiegħu. Issa, dik l-istess persuna minnu deskritta b'karatteristiċi ftit lużingjeri, ressqitlu lil Guido Fenech, li huwa ma kienx jikkonoxxi, u li kien jidher ta' kondizzjoni veramente apparenti għall-għajn umili ħafna, li wera li ried ibiegħ l-oġġett "de quo" a kwalukwe kost għax kellu bżonn il-flus biex isiefer, kif avża Mercieca lill-konvenut, apparti li l-istess Fenech bl-aġir tiegħu wera li kellu bżonn il-flus lill-istess konvenut; u dan l-aħħar imsemmi, li ma jistax jingħad li mhux persuna ta' intelliġenza, kif kellha okkażjoni tara u tesperimenta din il-Qorti waqt il-kors tal-kawża, u huwa bniedem ta' ċerta okulatezza, kif jiddimostraw il-provi, barra milli huwa raġel ta' kummerċ

estiż, ma mpressjona ruħu xejn fuq il-kondizzjoni ta' Guido Fenech, l-għaliex qal li ħasbu kummerċjant bħalu, li dak il-mument kellu bżonn il-flus. Lanqas jidher li ġie mpressjonat bill-fatt — dak li kien imissu mpressjonah, għal raġunijiet ovvji — li meta huwa ried imur jara l-frigoriferu d-dar ta' Fenech, dan wera li ma riedux imur hemm, u qallu li, jekk jixtrieh, mbgħad jibgħatulu jarah;

Irriżulta wkoll li, meta Guido Fenech qal lill-konvenut, jew tah jifhem, li huwa kien xtara l-"fridge" minn għand "Mamo Ltd." — dak li juri li kien hemm diskors fuq il-provenjenza, għalkemm il-konvenut jgħid li dak id-diskors intqal għal dak li seta' jkun hemm bżonn il-quddiem bħala aċċessorji — lanqas indenja ruħu jċempel telefonata biex jara jekk kienx minnu dak li kien qiegħed jgħid Fenech, li kien urieh premura li ried ibiegħ, u se maj jara taħt liema kondizzjonijiet kien sar il-bejgħ, jekk kien minnu li Fenech akkwistah minn hemm. Imma dak li hu ferm sintomatiku hu li meta, wara li marru għand il-konvenut is-sensal u Guido Fenech l-ewwel darba u l-ftehim ma seħħx, u l-istess Guido Fenech wara li telaq minn għand il-konvenut mas-sensal, ħalla ftit taż-żmien u reġa lura waħdu u qal lill-konvenut "Inbiegħhulek l-għaliex għandi bżonn il-flus", huwa baqa' passiv dwar min kien il-venditur li ried ibiegħ l-oġġett b'anqas milli xtrah, u din il-kondizzjoni ta' dak il-venditur, non ostanti dawn l-insistenzi (li ried ibiegħ a kwalunkwe kost) u inkongruwenzi (li riedu jixtri bla ma jara l-oġġett in vendita); u qal, jerġa jingħad, li huwa ħaseb li Guido Fenech ried jitlef minn fuq l-oġġett in kwistjoni l-għaliex kellu bżonn il-flus għan-negozju, imma nesa li huwa qabel kien qal li Fenech ried il-flus biex isiefer, kif ukoll nesa li l-okulatezza tiegħu biex jieħu riċevuta, non ostanti l-ħlas biċ-cheque, kellha tiġi preventivament użata, bħala kummerċjant intelliġenti li wera ruħu li huwa, qabel xejn fuq il-kondizzjoni ta' Guido Fenech;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, il-konvenut kien in kolpa talli ommetta li jivverifika min kien il-kumpratur u talli ma vverifikax il-kondizzjoni tiegħu, b'mod li l-konvenut ma rnexxielux isaħħaħ dan l-aħħar element, li huwa meħtieġ sabiex huwa jkun jista' jingħad possessur

leġittimu tal-frigoriferu msemmi, li għalieh jista' jeżiġi l-indennizz, jew aħjar il-prezz żburżat;

Rat in-nota tal-konvenut li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li l-istess sentenza tiġi revokata, bilìi tiġi miċħuda t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

L-appell hu limitat għad-deċiżjoni fil-meritu;

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma ampjament esposti fis-sentenza appellata. Il-parti essenzjali tagħhom, għall-finijiet tad-diskussjoni tal-punti sollevati bl-appell, tista' tiġi rikapitolata kif ġej;

L-attur kien biegħ refrigerator lil ċertu Guido Fenech bil-"hire purchase system". Dan ix-xerrej ħallas £15 akkont tal-prezz totali ta' £96, u obliga ruħu li jħallas il-bilanċ b'rati mensili ta' £4, u għal dan il-fini aċċetta kambjalijiet li kellhom jiġu skuntati waħda kull xahar. Ġie miftiehem illi, sakemm jitħallas il-prezz kollu, ir-refrigerator kellu jibqa' ta' proprjetà tal-attur, u li għalhekk Guido Fenech ma setgħax jiddisponi minnu matul dak iż-żmien mingħajr il-kunsens tal-attur. B'dan kollu Guido Fenech, qabel ma ħallas lanqas rata waħda, biegħ ir-refrigerator lill-konvenut bil-prezz ta' £75. Kontra Guido Fenech ittieħdu proċeduri kriminali fuq l-akkuża ta' appropriazzjoni ndebita taħt l-art. 307 tal-Kodiċi Kriminali; iżda dawn il-proċeduri spiċċaw bil-liberazzjoni tiegħu, peress illi l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja rriteniet illi, ġaladarba l-venditur kien aċċetta kambjalijiet għall-ħlas tal-bilanċ, ir-reat ta' approprjazzjoni ndebita ma setgħax jiġi ravviżat;

Ikkunsidrat;

L-ewwel Qorti bis-sentenza appellata laqgħet it-talba tal-attur għall-kundanna tal-konvenut għar-restituzzjoni tar-refrigerator mingħajr ebda ndennizz; għaliex irriteniet illi:—

1. Guido Fenech, non ostanti l-liberazzjoni tiegħu fil-proċeduri kriminali, kellu jitqies, għall-finijiet ta' din il-kawża, bħala ħati ta' approprjazzjoni ndebita; u dan billi dehrilha illi l-kambjalijiet fuq imsemmija kienu ġew rilaxxjati "pro solvendo", u mhux "pro soluto";

2. Kwindi, fil-fehma tal-Ewwel Qorti, kien japplika għall-każ l-artikolu 596 tal-Kodiċi Ċivili, u l-attur seta' jirrivendika r-refrigerator minn għand il-konvenut;

3. Anzi l-attur kellu d-dritt jieħu r-refrigerator lura bla ma jħallas ebda ndennizz, għaliex il-konvenut, għad li kien akkwista in bwona fede, u b'titolu oneruż, kien "in kolpa", billi naqas li jivverifika min kien Guido Fenech, ċjoè persuna li ma kienetx is-sid, u lanqas imqabbda missid biex jiddisponi minnu;

Ikkunsidrat;

L-aggravju prinċipali tal-konvenut jirrigwarda l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti taħt in-numru (2) fuq imsemmi. *Fis-sottomissjoni tiegħu, l-art. 596 ma japplikax* għall-każ preżenti; u peress li huwa kien possessur ta' kwona fede, l-attur ma għandux dritt jirrivendika dan ir-refrigerator;

Il-Kodiċi Tagħna, wara li fl-art. 595 jiddisponi illi, għar-rigward ta' ħwejjeġ mobili fihom nnifshom jew titoli għall-portatur (esklużа l-universalità ta' ħwejjeġ mobili), il-pussess għandu, favur it-terzi ta' bwona fede, l-effett stess tat-titolu, salvi d-dispożizzjonijiet dwar bastimenti, ikompli fl-art. 596 jiddisponi hekk:— "*(1) Iżda dak li jitlef il-ħaġa*, jew li jkun ġie misruq minnha, jista' jitlobha lura billi jindennizza lill-possessur; (2) Jista' wkoll jitlobha lura mingħajr l-obligu li jindennizza lill-possessur, meta dan ma jkunx ħadha b'bwona fede, b'titolu oneruż, u minn għand min, milli kien jidher, seta' kien sid dik il-ħaġa, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi mill-ħaġa";

Fit-test antik taljan, l-ewwel parti ta' dan l-artikolu kienet konċepita hekk:- - "Colui, però, che ha smarrito la cosa, o che ne fu derubato, può ripeterla, indennizzando il possessore";

L-appellant jissottometti illi din id-dispożizzjoni tapplika biss (apparti mill-każ ta' telfien tal-ħaġa) fil-każ ta' serq veru u proprju ("furto"); fil-każ preżenti, inveċe, l-attur ma ġiex privat mill-refrigerator b'serq, imma, se maj, b'abbuż ta' fiduċja;

Din hi, għalhekk, l-ewwel kwistjoni li trid tiġi definita *minn din il-Qorti*;

Is-soluzzjoni tagħha mhix faċli, u dwarha hemm dissens tant fid-dottrima kemm fil-ġurisprudenza taljana u franċiża, li jikkommentaw dispożizzjonijiet identiċi, għal dak li hu rilevanti għal dawk tal-liġi tagħna. Fil-ġurisprudenza tagħna, is-sentenzi li hemm stampati jidhru kollha li kienu dwar każijiet ta' serq veru u proprju, u għalhekk il-kwistjoni issa kontroversa ma hix trattata fihom. Hemm però sentenza mhux stampata mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Grech vs. Galea" (11 ta' Frar 1938), fejn ġie ritenut, fuq l-istess awtorità ċitata fis-sentenza appellata, illi l-frodi hija nkluża taħt il-kelma "derubato";

Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, ma tħossx, bir-rispett kollu, li tista' ssegwi dik l-interpretazzjoni;

Ma hemmx dubju illi r-regola hija illi l-pussess in bwona fede ta' ħwejjeġ mobili jekwivali għat-titolu. Bissaħħa ta' dan il-prinċipju, it-terz possessur ta' bwona fede jista' jopponi kwalunkwe azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu lura dik il-ħaġa. F'dan il-każ, l-azzjoni rivendikatorja hija inammissibbli (Vol. XXIX-II-153);

Id-dispożizzjoni l-oħra, kontenuta fl-art. 596, li tawtorizza r-rivendikazzjoni fil-każ ta' ħaġa mitlufa jew misruqa, hija "eċċezzjoni", u bħala tali għandha tiġi mantenuta fil-limiti tagħha. Għad illi tant il-"furto" kemm il-frodi huma reati li jappartjenu lill-klassi ġenerali tar-reati

kontra l-proprjetà, il-liġi tagħna, bħal liġi taljana u l-liġi franċiża, tiddistingwi bejn il-waħda u l-oħra. Id-differenza fondamentali bejniethom ġiet espressa hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tagħna fil-proċess "Rex vs. Antonio Demicoli et.", riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXV-IV-821:— "Carattere del fatto costituente la frode, ed uno degli estremi della stessa, sia essa appropriazione indebita o truffa, o scrocco, o stellionato, fatta eccezione di alcune figure di frode commerciale, è che il possesso di una cosa mobile siasi trasferito nel giudicabile dal proprietario . . . Anzi è precisamente questo estremo che fa differire la frode dal furto; perchè . . . . nel furto vero e proprio si ha la lesione del diritto di proprietà con la violazione del possesso per mezzo della 'contrectatio', mentre nell'appropriazione indebita e nella truffa si verifica invece l'abuso del possesso, o liberamente consentito, o carpito con inganno; e ciò può avvenire o per una convenzione non traslativa di dominio e ad un uso determinato, come nell'appropriazione indebita, e si avrebbe l'abuso di fiducia, o per inganno, raggiro od altro artificio che avesse indotto il proprietario a consegnare la cosa sua al delinquente, e si avrebbe il lucro fraudolento a danno altrui della cosa così carpita" (ara wkoll "Rev. vs. Pisani", 2.12.1941; u Vol. XXXIII-IV-564);

Issa, appuntu għaliex fil-każ ta' frodi s-sid ikun minn rajh minħabba fiduċja mal-posta jew minħabba ngann, svesta ruħu mill-pussess — għad-differenza tas-serq, li fih ikun ġie svestit kontra r-rieda tiegħu — il-maġġuranza l-kbira tal-kommentaturi taljani u franċiżi, u l-ġurisprudenza prevalenti, jirritjenu illi d-dispożizzjoni tal-liġi li tippermetti l-azzjoni rivendikatorja ta' ħaġa mobili misruqa ma tapplikax fil-każ ta' frodi, u partikolarment fil-każ ta' approprjazzjoni ndebita;

Fil-kawża "Negte. W. Lenard ne. vs. Lorenzo Fabri" (Vol. X, 325) l-Imħallef Dr. Paolo Vella kien qal hekk:— "Non bisogna perdere di vista . . . il disturbo ed il grave danno che ne risentirebbe il commercio coll'introdurre facilmente l'evizione di cose mobili, attesi gli innumerevoli e rapidissimi trasferimenti di proprietà e le molteplici operazioni, per lo sviluppo meraviglioso a cui è giunto — osservazione con molta precisione concepita e rilevata dallo stes-

so Voet, Ad Pandec. de rei vindict. lib. 6, Tit. 1, para. 12:— "Quod ita, tum litium minuendarum gratia, tum praecipue ob commerciorum usum, videtur inductum quae turbarentur non parum, si rerum mobilium evictio tam facile pristinis eorum dominis permissa esset; neque sententia illa omni destituta est aequitatis ratione; nam utinam sit, quod facilitati suae dominus imputare debeat, quod tam maligno, cujus fidem necdum habebat exploratam, rerum suarum curam, custodiam, aut detentionem commiserit — nec ignarus esse debuerit conditionis ejus quocum contrahebat — neque pro damno reputare debeat cui sua credulitate nimia ac temeritate primus ipse causam dedit, si forte ab illis quibus rem suam mobilem commiserat indemnitatem consequi non possit";

Kif ġa ntqal, il-kommentaturi tal-kodiċijiet esteri mhumiex kollha konkordi fuq din il-kwistjoni. Fost dawk li jagħtu lill-kelma "derubato" tifsir estensiv jistgħu jissemmew it-Touillier, Chardon, il-Vidari, u t-Tartufari. Iżda dawn huma minoranza żgħira a paragun ta' dawk l-oħra li jillimitaw is-sens tagħha għas-serq biss. Hekk, per eżempju, Duranton (Corso di Dr. Civ. Vol. 8, p. 287), li wara li jikkritika severament lit-Touillier, li qabel kien ipprofessa dottrina kuntrarja, jispiċċa biex jgħid:— "Si deve dunque rigettare senza esitare tutto quello che Touiller scrisse di nuovo su tale quistione, ed al contrario attenersi a quanto aveva detto da principio"; u jissokta:— "Vi era un motivo ragionevole in concedere la rivendicazione a chi aveva cessato di possedere la cosa mobile senza un fatto che gli si potesse imputare; e tanto la legge fece nel caso di perdita o di furto; ma questa ragione non era intesa la stessa quando per un fatto dal canto del proprietario ha questi cessato di possedere la detta cosa, essendo egli stesso la cagione del danno che soffre, attesa la sua imprudenza o la sua cieca confidenza, come benissimo dice Voet; egli ha d'altra parte, la sua azione contro colui al quale affidò la sua cosa, e si presume lo conosca meglio del terzo che la comprò da quest'ultimo";

Hekk ukoll il-Baudry Lacantinerie (Tratt. Teorico Pratico di Dto. Civile, Vol. XXVIII, §§ 897-899):— "L'eccezione che ci occupa non è stabilita che pel caso di smarrimento o furto. Questa è una disposizione eccezionale che

non può essere estesa al"infuori di queste due ipotesi . . .. ne conchiudiamo che l'articolo 2272 al no. 2 non potrebbe essere esteso agli altri delitti che presentano maggiore o minore analogia col furto";

L-istess ħaġa l-Laurent (Pric. di Dto. Civ. Vol. 32, para, 594-595) jgħid illi d-dispożizzjoni tal-liġi in kwistjoni ma tistax tiġi estiża "per via di analogia a dei delitti che spogliano il possessore della sua cosa senza presentare i caratteri del furto . . . . . le obiezioni che si fanno si dirigano al legislatore. Si dice che l'equità è per il proprietario, una volta che egli è spogliato da un crimine. Senza dubio; ma il legislatore ha dovuto tener conto anche del diritto del possessore";

Tal-istess opinjoni huwa wkoll Marcadè (Cod. Nap. Vol. 4, art. 2281 (2187) p. 174), u Zachariae (Corso di Dir. Civ. Franc. Vol. 5, p. 229, para. 849). It-Troplong (Prescrizione, para. 1069-1670) jestendi l-eċċezzjoni għall-każ tal-iskrokk, għax jidhirlu illi, meta l-kunsens tas-sid ikun ġie karpit b'ingann u maniġġ, għandu jitqies li hu ma ppresta ebda kunsens veru, u għalhekk dak il-każ għandu jiġi ekwiparat għal dak ta' serq; iżda jiskanta kif qatt seta' jkun hemm dubju dwar frodijiet oħra, bħal, per eżempju, l-approprjazzjoni ndebita, li jikkonsistu f'abbuż ta' fiduċja. A propożitu ta' dan, appena hemm bżonn jingħad illi, skond il-liġi tagħna, anki meta l-kunsens tas-sid hu meħud b'ingann jew qerq, ma hemm qatt id-delitt ta' serq. Kif jingħad fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXIII-IV-546, dan hu "prinċipju paċifiku";

Fost l-awturi taljani li similment jirrestrinġu l-eċċezzjoni biss għall-każijiet ta' serq, biżżejjed wieħed isemmi r-Ricci (Corso, Vol. V, § 141), li jgħid:— "Per estendere dall'uno all'altro caso l'applicazione di siffatta disposizione, è necessario che a riguardo dell'un caso e dell'altro militino le stesse ragioni; il che non si verifica nella specie in esame. Ed infatti, perchè il legislatore sottrae all'eccezione dell'articolo 707 le cose smarrite o rubate? Perchè la volontà del proprietario di queste non ha punto concorso nel fare acquistare il possesso delle medesime all'inventore o al ladro; ed esso anzi si trova nell'impotenza di premunirsi-

contro il fatto altrui; ed in vista appunto di questa impotenza, il legislatore ha voluto venire in suo soccorso, riconoscendogli il diritto di ripetere la cosa sua dal terzo cui dal ladro o dall'inventore sia passata. Al contrario, nelle truffe, abusi di fiducia, appropriazione indebita, ecc., il fatto della privazione del possesso avviene assentendovi la volontà del proprietario, onde esso, potendo essere più oculato, è in grado di premunirsi contro l'altrui malafede, e manca quindi la ragione per estendere a questo caso l'applicazione della disposizione legislativa che concerne l'altro caso di smarrimento e vero furto". Fl-istess sens huwa wkoll il-Pacifici Mazzoni (Ist Vol. III, § 30). Il-Vivante (Tratt. di Dir. Comm. Vol. III, § 940), fil-waqt li jestendi l-eċċezzjoni għall-każijiet fejn, bħal fis-serq, is-sid ikun ġie spoljat kontra l-volontà tiegħu (e.g. estorsjoni, rapina), ma jammetix li tapplika għall-każijiet ta' frodi. Fin-nota għal din l-aħħar konklużjoni jingħad:— "In questo senso la giurisprudenza e la dottrina sono ormai dominanti in Italia";

Għal dik li hi l-ġurisprudenza taljana, dan jidher ċar anki minn daqqa ta' għajn lejn ir-rakkolta tal-Fadda (art. 707-709, numri 388, 389 394, 395, 396, 397, 401, 402). Għal dik li hi l-ġurisprudenza franċiża, il-Laurent jgħid:— "La giurisprudenza è quasi unanime in questo senso" (loc, ċit.);

Kwantu għar-riferenzi li hemm fin-Noti tal-Imħallef Debono, is-sentenza riportata fil-Giurisprudenza Italiana (Bettini 1879, Vol. I, p. 1108) teskludi l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għall-każ ta' approprjazzjoni ndebita; dik riportata fir-Rivista tal-Filangeri tammetti dik l-applikazzjoni. Iżda f'nota in kalċe għall-istess sentenza hemm ċitati diversi sentenzi "in senso contrario alla giurisprudenza prevalente";

Din il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma tadottax id-dottrina u l-ġurisprudenza prevalenti fuq dik il-kwistjoni ta' interpretazzjoni; molto pjù illi uħud mill-argumenti li fuqhom tibbaża ruħha t-teorija kuntrarja ma għandhomx applikazzjoni għal-liġi tagħna. Oltre dan, il-mod li bih l-istess leġislatur tagħna, fl-art. 1918 tal-Ord. VII tal-1868 (korrispondenti għall-art. 2259 tal-Kodiċi Ċivili) iddistingwa

bejn dak li "ha rubato una cosa" u dak li sar possessur "per mezzo di un reato di frode", u fl-artikolu li jiġi immedjatament wara, u li jirrikjama l-art. 596 tal-Kodiċi Ċivili, uża l-istess kelma "rubata" (bħala ekwivalenti ta' "derubata"), juri illi, fil-kontest, dik il-kelma għandha jkollha s-sinifikat veru u ristrett tagħha relattiv għas-serq proprju;

Dan ma jfisserx illi l-Qorti ma tapprezzax l-opinjoni kuntrarja. Iżda, kwantu għall-analoġiji li jeżistu bejn isserq u l-varji forom ta' frodi, "l'interprete non può tenere conto; tali considerazioni vanno all'indirizzo del legislatore, che solo ha il potere di creare delle eccezioni, poichè creare una eccezione è fare la legge (Laurent, ibid. § 595);

Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-artikolu 596 tal-Kodiċi Ċivili ma kienx japplika għall-każ preżenti, għax l-attur la tilef u lanqas ma ġie "misruq" mir-refrigerator in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

B'daqshekk biss, però, il-kontroversja bejn il-partijiet għadha mhix riżoluta. Infatti, biex il-konvenut jirnexxi, mhux biżżejjed li jiġi stabbilit illi l-art. 596 ma japplikax għall-każ tiegħu, imma jeħtieġ ukoll li jkun stabbilit illi japplika l-art. 595;

Ma hemmx dubju illi l-konvenut akkwista r-refrigerator in kwistjoni "a non domino", u li fiż-żmien tal-akkwist dak ir-refrigerator kien, bis-saħħa tal-patt "reservati dominii", għadu ta' proprjetà tal-attur. Biex il-konvenut jista' jopponi t-talba tal-attur għar-rivendika, jeħtieġ, għalhekk, illi hu, meta għamel l-akkwist kien in bwona fede, għaliex, għad li veru illi fil-każ ta' mobili "per natura", salvi l-eċċezzjonijiet, il-pussess għandu l-istess effett tat-titolu, dan jgħodd biss favur it-terzi ta' bwona fede. Jekk dan ir-rekwiżit ma jirrikorrix fil-konvenut, allura terġa tieħu l-imperu tagħha d-dispożizzjoni ġenerali l-oħra tal-art. 359(1), ċjoè illi s-sid ta' ħaġa għandu jedd jitlobha lura minn għand kull possessur;

Għandha tiġi rileva a din id-differenza. Mentri, fil-każ ta' ħaġa mitlufa jew misruqa, il-bwona fede tal-possessur ma hi ta' ebda ostakolu biex is-sid jirrivendikaha, imma n-nuqqas tagħha, jew in-nuqqas ta' titolu oneruż fl-akkwist, jew is-sempliċi negliġenza tal-possessur jimporta li s-sid ta' dik il-ħaġa mitlufa jew misruqa jeħodha lura bla ma jindennizza lill-possessur, fil-każ ta' ħwejjeġ mobili "oħra" il-bwona fede tal-possessur tneħħi għal kollox id-dritt tar-rivendika tas-sid, anki jekk il-possessur ikun akkwista l-ħaġa b'titolu gratuwitu, u anki jekk kien merament negliġenti, b'mod li ma tneħħix il-bwona fede tiegħu (ara, għad-differenza bejn l-azzjoni rivendikatorja ta' ħaġa mobili in ġenerali u dik ta' ħaġa mitlufa jew misruqa, Vol. XXXII-I-630-631);

Għalhekk, fil-każ preżenti l-unika ndaġini li għandha ssir hi dik jekk il-konvenut kienx possessur ta' bwona fede;

Skond il-liġi (art. 569), il-bwona fede hi preżunta, u min jallega l-mala fede għandu jippruvaha; u din il-prova jeħtieġ tirriżulta minn ċirkustanzi univoċi. "La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche" (App. "Borg vs. Grech", 30. 1. 1869, ċitata fis-sentenza Vol. XXIX-II-153);

L-Ewwel Qorti rriteniet, bħala fatt, illi l-konvenut kien in bwona fede, jew "ad ogni modo", illi ma ġiex pruvat illi huwa ma kienx in kwona fede, għad li kien in kolpa talli ommetta li jivverifika minn kien Guido Fenech u l-kondizzjoni tiegħu;

Din il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma taqbelx ma' dik il-konklużjoni. Mal-motivi ampjament esposti fis-sentenza appellata jista' jiżdied dan li ġej:—

1. Ma rriżulta xejn mill-provi li jista' juri illi fl-akkwist da parti tal-konvenut kien hemm xi ħabi. In-negozju sar bi nhar, ġol-fabbrika tal-konvenut fejn kien hemm jaħdmu l-lavranti, quddiem sensal. Inġarr bi nhar minn bniedem li jaħdem regolarment ta' kurrier (fol. 69). Hekk kif l-attur kien ikollu kwalunkwe dritt li jissenjala bħala ndiz-

ju ta' mala fede kieku kien hemm xi ċirkustanza ta' ħabi, in-nuqqas ta' ċirkustanzi simili għandu javvantaġġja lill-konvenut;

2. Għad illi, kif xehed l-istess konvenut, is-sensal Mercieca huwa bniedem li ma jaħdemx, jgħix bl-akkerija, tfittixlu lira ma ssibhielux, u jgħix minn xogħol ta' xi senserija li jagħmel l-hawn u l-hemm (fol. 66), ma ġie bl-ebda mod pruvat jew allegat illi hu bniedem diżonest li soltu jindaħal għal operazzjonijiet illegali. Il-konvenut, kif qal hu fix-xhieda tiegħu, kien jafu bħala sensal tal-bini u tal-karrozzi;

3. Lanqas ma jirriżulta l-ebda bl-ebda mod mill-provi illi l-konvenut kien jaf li Guido Fenech kien darba ġie kundannat għal serq;

4. Meta l-attur mar ikellem lill-konvenut u staqsieh jekk kienx xtara xi refrigerator il-konvenut ma ċaħadx, anzi offra li jgħidlu l-isem tal-bejjiegħ;

5. Illi l-fatt stess illi l-konvenut huwa, kif josserva l-attur, bniedem intelliġenti u ta' esperjenza fin-negozju, juri illi mhux probabbli li kien ser jiżborża £75 għal oġġett li ġdid kien jiswa £92, kieku kien jaf jew kellu raġun jaħseb illi l-akkwist tiegħu kien prekarju u vizzjat;

6. In-negozju sar b'ħafna tiġbid — ħaġa li ma kienetx turi illi Guido Fenech kien qiegħed ibiegħ ħaġa ta' ħadd ieħor, kuntent li dak li jdaħħal kollu frank;

7. Ma jistax jingħad illi r-refrigerators il-lum ma sarux ħaġa li ssibha għand ħafna nies, u ma jidherx li ġiet pruvata xi ħaġa li minnha l-konvenut kellu jaħseb illi Guido Fenech kien persuna li ma setgħetx ikollha wieħed;

Mill-kumpless kollu tal-provi, il-Qorti ma hix ta' fehma illi rriżultaw ċirkustanzi "univoċi u ineluttabbli" li jeqirdu l-preżunzjoni ta' kwona fede favur il-konvenut, ċjoè l-ħsieb tiegħu, għal motivi verosimili, li l-ħaġa mixtrija saret tiegħu (art. 568(1). Ġa ntqal aktar 'il fuq, illi "la negliġenza che l'acquirente abbia commesso nell'indagare la

qualità del possesso dell'alienante non lo induce in mala fede" (Fadda, art. 707-709, nri. 247, 236, 248, 249);

Iċ-ċirkustanzi msemmijin mill-Ewwel Qorti, li minnhom induċiet li l-konvenut kien "in kolpa", ma jidhrux, fil-kwadru kollu tal-każ, li huma biżżejjed biex jeskludu l-bwona fede tiegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha, u tiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż, minħabba fid-diffikultà tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jitħallas mill-attur.